MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 1359/2010

**Daniel Mercieca (K.I. 15469G) ghan-nom u in rapprezentanza ta' Bacchus Winery**
**Vs**
**Sovereign Hotels Ltd (C-10538) u Sovereign Caterers Ltd (C-28364)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur ippremetta li biegh lill-konvenuti, u senjatament lill-lukanda proprjeta' tal-istess konvenuti, Windsor Hotel, prodotti ta' inbid bl-ingrossa ammontanti ghal elfejn, sitt mija u tmien ewro u hamsa u tletin centezmu (€2,608.35) skont ma jirrizulta mill-fatturi hawn taht annessi u mmarkati bhala Dok DM1 sa Dok DM11; illi l-konvenuti ghalkemm interpellati inkluz b'ittra legali datata 26 ta' Mejju 2010, baqghu inadempjenti; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' din il-kawza bin-numru 2890/10 u l-ittra interpellatorja fuq imsemmi u bl-imghax legali mid-data ta' kull invoice rispettiva, u l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjetajiet intimati fejn eccippew illi in linea preliminari, s-socjeta' eccipjenti Sovereign Caterers Ltd (C-28364) m'hijiex il-legittima kontradittrici tat-talbiet attrici kif dedotti u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attur;  illi wkoll in linea preliminari izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici kif dedotti huma preskritti bid-dekors ta' tmintax-il xahar a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili;  illi wkoll in linea preliminari izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici kif dedotti huma preskritti bid-dekors ta' hames snin a tenur tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;  illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

Sema' x-xhieda u ra l-atti kollha tal-kawza.
Sema'  t-trattazzjoni tal-partijiet.
Ra l-verbal tas-seduta ta' nhar it- 13 ta' Marzu, 2013 li bih il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidra.**

It-talba odjerna hija dwar hlas ta' merkanzija moghtija lis-socjeta' konvenuta.  Illi s-socjeta' konvenuta Sovereign Caterers Limited sollevat l-eccezzjoni illi mhijiex il-legittima kontradittrici.  Filwaqt li z-zewg socjetajiet konvenuti ssollevaw illi l-ammont mitlub huwa preskritt u dan ai termini tal-artikolu 2148(b) u 2156(f).

Illi mix-xhieda jirrizulta li l-attur huwa sid u operatur t'azjenda bl-isem ta'  "*Bacchus Winery*" li tipproduci inbid u *liquers* f'Ghawdex li mbaghad jbieghhom lil *wholesalers*. Fil-kaz odjern il-prezz ta' merkanzija mibjugha lis-socjetajiet konvenuti, jew minn minnhom, jammonta ghal elfejn sitt mija u tmien ewro u hamsa u tletin centezmu (€2608.35).

Illi skont id-deposizzjoni ta' Ronald Azzopardi (fi Tribunal diversament ippresjeduta f' kawza ohra bejn l-istess partijiet, li giet prezentata f'din il-kawza) Sovereign Hotels Limited hija l-proprjetarja ta' Windsor Hotels li hija gestita

minnha stess. Sovereign Caterers Limited hija sid ta' '*La Piazza Bar and Restaurant'* li huwa gestit minn Sovereign Caterers Limited. L-indirizz taz-zewg kumpaniji huwa Windsor Hotel, Winsdor Terrace, Sliema. Crown Hotels Limited (socjeta ohra li tixtri minn ghand l-attur noe) li pero' mhijiex partecipi f'din il-kawza tiehu hsieb li tigestixxi Crown Hotel. Ghalkemm s-socjetajiet huma separati u distinti, ghall-finijiet ta' *marketing*, it-tliet socjetajiet jipprezentaw ruhhom kollettivament bhala Sovereign Hotels Group. Hareg ukoll illi t-tliet socjetajiet ghandhom bhala direttur manigerjali taghhom lix-xhud Ronald Azzopardi.

Illi hareg mix-xhieda li l-ordnijiet ghall-merkanzija kienu jsiru permezz tat-telefown minn impjegat bl-isem ta' Joe Balzan (li 'llum ma jahdimx maghhom). Kien, pero', Ronald Azzopardi li kien ihallas permezz ta' cekkijiet li kienu jsejjhu lil Soveriegn Caterers Limited jew Sovereign Hotels Limited u darba ukoll lil Crown Hotel. L-attur nomine ghamel riferenza ghac-cekkijiet li ukoll ma ssarrfux u li huma parti mill-ammont mitlub.

Id-dokumenti esebiti li jinkludu il-fatturi, ara dokumenti esebiti a fol. 3 sa 12 flimikien mal-avizz u ukoll Dok DM2, kollha jsejjhu lil Windsor Hotel u huma datati minn 22 t'Awwissu 2005, 22 ta' Settembru 2005, 17 t'Ottubru 2005, 31 ta' Jannar 2007, 22 ta' Frar 2006, 28 ta' Frar 2006 sa 17 t'Awwissu 2007, 21 ta' Gunju 2006, 23 t'Awwissu 2006, 14 ta' Marzu 2007, u 16 t'Awwissu 2007. Illi jidher ukoll mill-fatturi prezentati (a fol. 31) li sar hlas ta' ammont fit- 2 ta Frar 2007. L-attur pprezenta rendikont, a fol. 3 tal-process, li juri *opening balance* fit- 13 ta' Gunju 2007 t' elf disa' mija u sebgha ewro u wiehed u sebghin centezmu (€1907.71), ammont iehor ta' hamsa u sittin ewro u sebgha u disghin centezmu (€65.97) fis- 16 t'Awwissu 2007, u wiehed ta' disa' ewro u tmienja u tmenin centezmu (€9.88) imsejjah *credit* u hlas ta mitt ewro (€100) li sar fis-16 ta Gunju 2008. Illi f'dan ir-rendikont ukoll tnizzlu l-ammont ta' hames mija tnejn u tletin ewro u wiehed u tletin centezmu (€532.31) u mitejn u tnax-il ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€212.25) ghall-cekkijiet numri: 209 u 258 li ma ssarfux u ghalhekk

dan kollu iwassal ghall-ammont totali t' elfejn sitt mija u tmien ewro u hamsa u tletin centezmu (€2608.35).

Fir-rigward tal-hlas ta' mitt (€100) ewro mnizzel fir-rendikont, Daniel Mercieca ddikjara li fis-16 ta' Gunju 2008, Azzopardi kien hallas is-somma ta' mitejn ewro (€200) in kontanti akkont tal-bilanc[1]. L-ircevuta fl-ammont ta' mitejn ewro (€200) turi li giet rilaxxata a favur ta' "Sovereign Hotels". Pero l-attur spjega li kien naqqas mitt ewro (€100) mill-kont ta' Windsor Hotel u mitt ewro (€100) mill-kont ta' Crown Hotel. Il-konvenut mistoqsi dwar dan iddikjara illi ma jiftakarx illi kien hallas u lanqas li nghata l-ircevuta.

Xehdet Audrey Ghigo li giet mitluba tixhed dwar cekkijiet li ma gewx imsarrfa li huma mnizzlin bl-idejn fir-rendikont, a fol. 3. Cekk numru 209 u 258 fl-ammont ta' hames mija u tnejn u tletin ewro u wiehed u tletin centezmu (€532.31) u mitejn u tnax-il ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€212.25). Hi ddikjarat illi ma nstabux ic-*cheque images* u ziedet illi ma rrizultax illi l-ammonti indikati hargu minn dan il-kont tas-socjetajiet Sovereign Caterers Limited u Sovereign Hotels. Xehdet illi ma sarx depozitu fil-kont ta Daniel Mercieca (071 136 089 001) min Sovereign Hotels limited u Sovereign Caterers limited.

Fir-rigward tal-konsenji tal-merkanzija s-sitwazzjoni ma tantx hija cara. L-attur iddikjara li kienu jaghmluhom kemm lil Crown Hotel u kemm lil Windsor Hotel. L-indirizz fuq il-fattura hija ta' Triq Sir Arturo Mercieca, Sliema u ghalhekk mhux fuq l-indirizz registrat t' ebda wahda mis-socjetajiet konvenuti. Mistoqsi minn kien tah l-indirizzi fuq l-*invoices* l-attur iddikjara li kien Ronald Azzopardi.

Skont l-attur ix-xoghol tieghu huwa bejgh ta' merkanzija *wholesale* w anke l-prezzijiet indikati fil-fatturi huma *wholesale*. Dan l-istat ta' fatt qatt ma gie kontradett mis-socjeta' konvenuta.

[1] Ara Dok DM1 a fol 25 tal-process

Ikkunsidra:

1. Illi mix-xhieda ma hargitx cara hafna fejn kienu isiru il-konsenji u dan ukoll minhabba l-fatt illi l-istess persuni kienu jaghmlu l-ordnijiet ghas-socjetajiet konvenuti. Minkejja dan xorta is-socjetajiet konvenuti ghandhom jitqiesu bhala distinti u separati. L-attur stess kellu kontijiet diversi ghas-socjetajiet tal-grupp. Hareg mill-provi, senjatement mill-fatturi prezentati, li fil-kaz tal-ammonti mitluba fil-kazwa odjerna il-bejgh sar lil Windsor Hotel li taghha Sovereign Hotels Limited hija s-sid. Ghalhekk l-eccezzjoni ssollevata li Sovereign Caterers Limited mhijiex il-legittimu kontraditrici ghanda tigi akkolta u t-Tribunal jilliberaha mill-osservanza tal-gudizju.

2. Illi t-Tribunal ser jghaddi biex jezamina z-zewg eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni ssollevati ossia dik tal-artikolu 2148(b) bil- perjodu preskrittiv ta' tmintax-il (18) xahar u dik ta' 2156(f) tal-Kodici Civili ta' hames (5) snin.

Artikolu 2148(b) jghid is-segwenti: "*l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut*" (emfazi mizjuda) jaqghu bi preskrizzjoni b'dekors ta' tmintax-il xahar. Il-preskrizzjoni hija applikabbli ghall-krediti ta' merkanzija mibjugha bl-imnut ghall-kuntrarju ta' dik il-merkanzija mibjugha bl-ingrossa li ghaliha tapplika l-preskrizzjoni ta' hames snin.

Fit–talba '*de quo'* l-attur iddikjara li l-bejgh ta' merkanzija tieghu hija wholesale ossia bil-grossa. Da parti taghha, s-socjeta' konveuta ddikjarat illi l-merkanzija li nbieghet lilha, kif jirrizulta mill-fatturi, ma kinitx fi kwantitajiet kbar, u ghalhekk issostni illi tali bejgh lilha kien qed isir bl-imnut u mhux bl-ingrossa, u li ghalhekk huwa applikabbli t-terminu preskrittiv ta' hames snin.

Illi l-Artikolu 5 tal-Kapitlu 13 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:
*Huma atti tal-kummerc – (a) ix-xiri ta' hwejjeg mobbli sabiex jerghhu jinbieghu jew sabiex jinghataw b'kiri, sew in natura jew wara li jinhadmu jew jigu manifatturati; il-bejgh jew il-kiri ta' hwejjeg mobbli, in natura jew wara li*

*jinhadmu jew jigu manifatturati, meta x-xiri taghhom ikun sar sabiex jerghhu jinbieghu jew sabiex jinghataw b'kiri.*

Fis-sentenza ***Attard vs Refalo***[2]*:*
*La legge non definisce i relativi concetti del grande o del piccolo commercio, del commercio all'ingrosso e del commercio al minuto, ma, secondo la dottrina, il criterio direttivo per distinguere il grossista dal dettagliatore e`che il primo vende per lo piu` a coloro i quail commerciano della cosa comprata mentre il secondo vende per lo piu` ai consumatori e in piccole quantita` misurate dal bisogno di costoro."*

Ghalhekk kif jinghad fil-gurisprudenza, l-ligi ma tiddistingwix bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa izda l-kriterju distintiv huwa li l-grossista jbiegh l-aktar lil negozjanti ohra filwaqt li d-dettaljatur ibiegh lill-konsumaturi fi kwantitajiet zghar dettati mill-bzonn li jkollhom huma.

Illi minkejja l-fatt illi taqbel illi l-kwantitajiet mibjughin kienu zghar illi fil-kaz in dezamina s-socjeta konvenuta ma kinitx qieghda tixtri ghall-konsum taghha imma ghan-negozju taghha u cjoe biex hi tbiegh il-prodotti lil terzi. Ghal din ir-raguni illi l-artiklu 2148(b) sollevat mis-socjetajiet konvenuti ma jistax jigi applikat ghal din it-talba.

Illi tenut kont tal-fatt illi l-ewwel fattura hija datata 22 ta Awwissu 2005 u li l-avviz ghat-talba *de quo* gie pprezentat fis-6 t'Awwissu 2010, l-perjodu preskrittiv ta' hames snin ma skadiex. Illi anke li kieku skadiet jidher illi fit- 2 ta' Frar 2007 sar hlas li tnaqqas mill-'invoice' datata 31 ta' Jannar 2007 (ara fol 31). Illi di piu kien sar hlas akkont fis-sena 2008 b'ircevuta li harget fl-isem ta "Sovereign Hotels" u li l-attur nomine stess iddikjara li (€100) mitt Ewro minnhom kien tnaqqas mill-kont ta' Windsor Hotel (Sovereign Hotels Limited) u ghalhekk zgur illi din l-eccezzjoni m'ghandhiex tigi akkolta. Illi fir-rigward tac-cekkijiet indikati fil-verzjoni tal-attur ma gietx

---
[2] (Koll. Vol. XIII.294)

kontradetta u lanqas ma ngabet prova li dawn kienu preskritti.

Illi fir-rigward tal-mertu u ossia illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ma ngabet ebda prova ohra.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni ssollevata mis-socejta' konvenuta Sovereign Caterers Limited u ghahlekk jilliberaha mill-osservanza tal-gudizju, jichad iz-zewg eccezzjonijiet mressqa mis-socjeta' konvenuta Sovereign Hotels Limited u peress illi ma tressqux aktar kontestazzjonijiet fuq il-meritu taqta' u tidddeciedi billi tordna il-hlas tas-somma t' elfejn sitt mija u tmien ewro u hamsa u tletin centezmu (€2608.35) bl-imghax kif mitlub u skont il-ligi.

Spejjez ta' din il-kawza ghas-socjeta' Sovereign Hotels Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------